MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Digriet Kamerali tal-24 ta' Lulju 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 850/2019GM

Albert Bonnici (ID 695652M) u Mario Tonna (ID 551953M)

vs

Creek Developments plc (C50531)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2019 minn Albert Bonnici u Mario Tonna (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenti"), li permezz tiegħu talbu il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Creek Developments plc (minn issa 'l quddiem imsejjħin "l-intimata") biex tinżamm milli twettaq it-teħid tal-berths u ċċaħħadhom mis-servizzi inkorporati fil-*berthing licence agreement* li għamlet fl-ittra tagħha datata 21 ta' Ġunju 2018 (Dok A) u ġeneralment biex ma tinibix bl-ebda mod lir-rikorrenti mill-użu tal-pontoon kif intiż fl-istess berthing licence agreement u tippermetti lill-esponenti li jagħmlu użu mis-servizzi fuq il-pontoon billi jippermettulhom *top ups* minn żmien għal żmien;

Rat id-digriet tagħha tal-istess data li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors proviżorjament, tat lill-intimata tmint ijiem għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-16 ta' Lulju 2019;

Rat illi l-intimata ġiet notifikata fit-28 ta' Ġunju 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata tat-8 ta' Lulju 2019;

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti għażlu li jitolbu l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, li il-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);

Illi l-ġurisprudenza tagħna identifikat tliet elementi li għandhom jirriżultaw lill-Qorti sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:-

(1) l-intimat ikun qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista’ tkun ta’ ħsara lir-rikorrent

(2) jkun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu d-dritt li jżomm lill-intimat li jagħmel dik il-ħaġa li biha jista’ jagħmillu ħsara u

(3) l-mandat ikun neċessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent (Artiklu 873(1) u (2) kodiċi ritwali).

Illi r-rikorrenti issodisfa t-tlett elementi suċċitati;

Għal dawn il-motivi:

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-27 ta’ Gunju 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talba proviżorjament;

Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotur tagħhom.

Spejjeż a karigu tal-intimati.

Mogħti kameralment fl-24 ta’ Lulju 2019.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA